Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,272, 27 ta' Ġunju, 2014

Taqsima B

A.L. 212 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Mediterran

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) u u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Mediterran, ippubblikati bħala Avviż Legali 408 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti 2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:"

L-Emenda għal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) taħt il-patroċinju tal- Iskola tal-Arti Performattiva.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad."

L-Emenda għal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, l-applikanti jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista u *audition* taż-żfin."